MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 125/2012

**Mark Anthony u Susan konjugi Barbara**

**ID. 4675M u ID. 322382M**

**Vs**

**Buhagiar Jeffery**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentatu fil-21 ta’ Frar, 2012 fejn l-attur talab illi peress illi l-atturi kienu originarjament debituri tal-initmat ghas-somma originarjament mitluba ta’ €9317.49 flimkien mas-somma ta’ €1242.33 imghax, total ta’ €10,559.82.

Peress illi l-intimat intavola mandate ta’ sekwestru fl-ismijiet inverse li jgib in-numru 94/2009 (ara Dok. MAB1 hawn anness) kif ukoll mandate ta’ qbid fuq il-vettura bir-registrazzjoni MSB 312; Peress illi l-atturi bdew ihallsu l-ammont dovut lill-intimat permezz ta’ pagament mensili li johorgu direttament

mill-paga tal-attur Mark Anthony Barbara u dank if ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza; Peress illi l-atturi hallsu kwalunkwe ammont dovut lill-intimat; dan tal-ahhar intavola kontro-mandat sabiex il-mandat ta’ sekwestru jigi revokat;

Peress illi l-vettura bin-numru ta’ registratzzjoni MSB 312 giet rilaxxata ghall-prezz ta’ €500 li gew unikament imhallsa mill-atturi u dank if ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

Peress li minnhabba dewmien sabiex il-proceduri relatati mat-twaqqif tal-pagamenti diretti li kienu qedghin isiru mil-paga tal-attur Mark Anthony Barbara, dan tal-ahhar hallas is-somma ta’ €698.42 in eccess fuq dik is-somma originarjament dovuta;

Peress li l-atturi hallsu wkoll is-somma ta’ €471.94 in eccess tal-ammont li kien dovut lill-intimati;

Peress li l-intimat, ghalkemm debitament interpellat permezz ta’ ittra legali (ara Dok. MAB2) sabiex ihallas dan l-ammont izda baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk il-konvenut Jeffery Buhagiar qieghed jintalab ihallas lill-atturi l-ammont ta’ elfejn, mitejn u tnejn u hamsin ewro u sebghin centezmu (€2,252.70) rapprezentanti f’somma li thallset mill-atturi in eccess ghall-ammont li originarjament kien dovut lill-istess initmat;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, inkluzi l-ispejjez relattivi ma’ l-ittra legali (ara Dok MAB2) kontra l-konvenut li huwa ngunt min issa in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fl-14 ta’ Marzu, 2012 fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament kull talba li tipprova tikkontesta l-ammont fl-ittra ufficjali 2451/08, that l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija legalment improponibbli, palezament fuori termini u

irrita proceduralment u ma jistax l-attur jittenta permezz ta' dawn il-proceduri li jattakka dak it-titolu ezekuttiv;

2. Illi jirrizulta ghalhekk, li fil-konfront tac-cifra €582.34 deskritta mill-attur bhala ammont zejjed indikat fit-talba originali (vide Dok MAB2 pprezentat mill-attur nnifsu) dan it-Tribunal legalment ma ghandux gurisdizzjoni u ma jistax jissindika tali ammont li diga' gie kristallizzat bhala ammont dovut lill-konvenut Buhagiar;
3. Illi l-kalkoli ta' l-atturi huma fattwalment u legalment zbaljati u ghaldaqstant din il-kawza giet pprezentata frivolozament u hija ntenzjonata biss biex tivvessa u dank if ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
4. Illi l-imghax fuq is-sorte jibqa' jiddekorri sakemm isir il-pagament effettiv, fattur li l-attur jidher li ma hax in konsiderazzjoni qabel ppropona din il-kawza;
5. Illi kull spiza ta' mandate, kontro-mandat, rikors ta' zbank rilaxxi ect huma a karigu tad-debitur li fil-kaz odjern kien l-attur;
6. Illi data ma non concesso li kien hemm xi flus depositati in eccess, dawn kienu facilment zbankabbli mill-atturi li kieku kien minnu li mhallsa in eccess;
7. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;
8. Salv eccezjonijiet ulterjuri.

Fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2012 il-konvenut iddikjara illi mill-konteggi li ghamel ghandu jghati lil attur l-ammont ta' erba' mija u tlettax-il ewro (€413) u dan iddikjara minnhabba finijiet ta' spejjez.

Xehed l-attur Mark Anthony Barbara li spjega li l-mandat hareg ghall-ammont ta' disa' mija u sbatax-il ewro (€9,317) mentri l-ammont suppost kellu jkun ta' tmien t'elef seba' mija u sebgha u tletin ewro (€8,737). Wara l-mandat l-attur beda jhallas tu co anki bdew jinqatghu xi flus mill-paga tieghu u jinghataw lil Jeffrey Buhagiar. Hallas ukoll l-ammont ta' hames mitt ewro

(€500) sabiex giet rilaxxata l-karozza li kienet giet maqbuda. Meta xehed in kontro ezami dan ix-xhud spjega illi l-hames mitt ewro (€500) li hallas meta giet rilaxxata l-karozza kellhom jinqatghu mill-kont u mhux spejjez. In kontro-ezami l-atturipprezenta wkoll document li juri li tnaqasulu l-ammonti ta' mija disgha u tletin ewro u tmienja u disghin centezmu (€139.98) mill-bank u ommont iehor ta' tlett mija hamsa u disghin ewro (€395) mill-bank ukoll. L-attur ipprezenta ukoll sett dokumenti li juru cedoli ta' depozitu a favour il-konvenut kif ukoll cekkijiet mahruga mill-Mediterranean Technical Services Ltd.

Xehed il-konvenut Jeffery Buhagiar li spjega illi kien l-attur li talbu sabiex iselfu l-ammont ta' erba' t'elef liri Maltin (LM4,000). Sabiex jghatih dan is-self il-konvenut kellhu jissellef elfejn u erba' mitt lira Maltija (Lm2,400) mill-bank. Dwar dan is-self il-partijiet ghamlu skrittura fejn l-attur kellu jhallsu sa Mejju tas-sena 2007. L-attur baqa' ma hallasx u l-konvenut baqa' jhallas il-loan li ha.

Wara li ghadda z-zmien tal-hlas il-konvenut ghamel ittra ufficjali, mandate ta' qbid u mandat ta' sekwestru fuq il-vettura tal-attur u mandate ta' sekwestru fuq il-paga tal-attur. Minbarra dan ghamel ukoll ipoteka legali fuq il-keri tal-attur.

Spjega illi l-ammont mitlub mill-attur huwa maqsum f'erbgha u cioe hames mitt ewro (€500) li l-attur hallas tal-vettura. Ix-xhud jghid illi dawn kienu spejjez tar-rilaxx.

Imbaghad hemm imsemmija ammont ta' hames mija tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34) li l-attur jghid illi kienu mizjuda mat-talba tal-ittra ufficjali 166A pero' ix-xhud jghid illi din giet reza ezekuttiva.

Hemm ammont iehor ta' erba' mija wiehed u sebghin ewro u erbgha u disghin centezmu (€471.94) li nqabdu mill-kont bankarju tal-attur u x-xhud jghid illi din hija gidba peress illi dan kien hlas parzjali.

Rigward l-ahhar ammont il-konvenut jghid illi jammetti li ghandu jghati lura l-ammon ta' erba' mija u tlettax-il ewro u sitt centezmi (€413.06) pero mhux aktar.

It-Tribunal semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati. F'din il-kawza l-attur qed jitlob lura hlas ta' elfejn, mitejn tnejn u hamsin ewro u sebghin centezmu (€2,252.70) li hallas zejda lill-konvenut. Il-konvenut min-naha tieghu 'ssostni illi l-ammont li thallas zejjed kien t' erba' mija u tlettax-il ewro u sitt centezmi (€413.06).

Il-kwistjoni bejn il-partijiet bdiet meta l-attur issellef l-ammont ta' erba' t'elef lira Maltija (Lm4,000) liema ammont kellu jithallas lura fi zmien tlett xhur u cioe Mejju 2007. Wara lid an l-ammont ma thallasx lura l-konvenut ghamel ittra ufficjali166A liema ittra ufficjali giet reza ezekuttiva meta l-attur ma rrispondiex ghaliha. It-Tribunal ma jistax jithol fuq dan l-ammont ghaliex l-ittra ufficjali hija ezekuttiva inoltre l-attur ma gab ebda prova li l-ammont imnizzel fl-ittra ufficjali kien izjed min dak miftiehem.

Wara l-ittra ufficjali inhargu mandat ta' sekwestru f'Settembru 2008 fejn gew infurmati l-banek illi s-sorte kien disa' t'elef, tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) flimkien ma' tmien mija disgha u sittin ewro tlieta u sittin centezmu (€869.63) imghax u erba' mija sebgha u tletin ewro u erbgha u sittin centezmu (€437.64) li flimkien jammontaw ghal ghaxar t'elef sitt mija erbgha u ghoxrin ewro erbgha u sebghin centezmu (€10,624.74).

Wara dan il-mandat kien inhareg mandat ta' qbid fuq il-karozza u mandat ta' sekwestru fuq il-paga tal-attur fejn is-sorte kien disa' t'elef, tliet mija u sbatax-il ewro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49), l-imghax tela' ghal elf mitejn tnejn u erbghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€1,242.33) u l-ispejjez telghu ghal seba' mija u tnax-il ewro tmienja u erbghin centezmu (€712.48) komplesivament jammontaw ghal **hdax-il elf mitejn tnejn u**

**sebghin ewro u tletin centezmu (€11,272.30).** B'hekk dan huwa l-ammont finali li kellu jiehu l-konvenut.

Mill-provi dokumenti jidher 'illi saru cedoli ta' depozitu minn Mediterranean Technical Services Ltd fl-ammont ta' tlett mija sebgha u serbghin ewro tmienja u disghin centezmu (€347.98), erba' mija u ghoxrin ewro disgha u tmenin centezmu (€420.98) u tlett mija u sebgha u erbghin centezmu (€347) li jammontaw ghal **elf mija u hmistax-il ewro sebgha u tmenin centezmu (€1,115.87).**

Imbaghad gew imhallsa cekkijiet mill-Mediterranean Technical Services Ltd fl-ammonti ta' seba' mija disgha u disghin ewro tnejn u disghin centezmu (€799.92), hames mija sebgha u tmenin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€587.55), erba' mitt ewro sitta u erbghin centezmu (€400.46), tlett mija u sebghin ewro erbgha u tletin centezmu (€370.34), disa' mija u tlett ewro u hames centezmi (€903.05), disa' mija u dsatax-il ewro u tmenin centezmu (€919.80), disa' mija u wiehed u ghoxrin ewro tlieta u sebghin centezmu (€921.73), erba' mija wiehed u disghin centezmu disgha u sebghin centezmu (€491.79), tmien mija disgha u ghoxrin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€829.53), hames mija tlieta u tletin ewro sitta u erbghin centezmu (€533.46), tlett mija sitta u sittin ewro sitta u tletin centezmu (€366.36), elf, erba' mija erbgha u tletin ewro u tlett centezmi (1,434.03), disa' mija u erbatax-il ewro sebgha u erbghin centezmu (€914.47), elf tlett mija tnejn u erbghin ewro u erbgha centezmi (€1,342.04) li komplessivament jammontaw ghal **ghaxar t'elef tmien mija u erbatax-il ewro tnejn u hamsin centezmu (€10,814.52).**

Imbaghad kien hem mil-flus li nqabdu mill-kont tal-mara tal-attur fl-ammonti ta' mija disgha u tletin ewro u tmienja u disghin centezmu (€139.98) u tlett mina hamsa u disghin ewro (€395) ammonti komplessivi ta' **hames mija erbgha u tletin ewro tmienja u disghin centezmu (€534.98).**

It-Tribunal jassumi illi thallas l-ammont ta' **hames mitt ewro (€500)** sabiex giet rilaxxata l-karozza u jassumi ukoll illi l-ftehim kellu jkun li dawn

jitnaqsu mill-ammont ta' dejn. Inoltre il-konvenut ma gabx prova ta' spejjez izjed minn dawk indikati fil-mandat, ghalhekk it-Tribunal jghodd dawn il-hames mitt ewro (€500) bhala imhallsa mill-ammont.

Jekk wiehed jghodd l-ammonti mhallsa ta' elf mija u hmistax-il ewro u sebgha u tmenin centezmu (€1,115.87), ghaxar t'elef tmien mija u erbatax-il ewro tnejn u hamsin centezmu (€10,814.52), hames mija erbgha u tletin ewro tmienja u disghin centezmu (€534.98) u hames mitt ewro (€500) dawn jammontaw ghal **tnax-il elf disa' mija hamsa u sittin ewro sebgha u tlein centezmu (€12,965.37)**. Jitnaqqas l-ammont ta' **hdax-il elf mitejn tnejn u sebghin ewro u tletin centezmu (€11,272.30)** u hekk jasal l-ammont ta' **elf sitt mija tlieta u disghin ewro u seba' centezmi (€1,693.07)** imhallas zejjed.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elf sitt mija tlieta u disghin ewro u seba' centezmi (€1,693.07) u jikkundana lil konvenut ihallas is-somma ta' elf sitt mija tlieta u disghin ewro u seba' centezmi (€1,693.07) lill-attur bl-imghax legali dekorribli mid-data tal-prezentata tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

l-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu billi l-attur ihallas terz u l-konvenut ihallas zewg terzi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------